KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 14.6.2011
KUMM(2011) 327 finali

GREEN PAPER

It-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka fiż-żona ġudizzjarja Ewropea – Green Paper dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġustizzja kriminali fil-qasam tad-detenzjoni

WERREJ

1. Għan 2

2. X'inhuwa l-interess tal-UE f'dan il-qasam? 3

3. Ir-relazzjoni bejn l-strumenti ta' rikonoxximent reċiproku u d-detenzjoni 4

3.1. Il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) 4

3.2. It-Trasferiment ta' Ħabsin 5

3.3. Il-Perjodu ta' Prova u Sanzjonijiet Alternattivi 7

3.4. L-Ordni ta' Superviżjoni Ġudizzjarja (ESO) 7

3.5. L-Implimentazzjoni 8

4. Il-kwistjoni tal-arrest preventiv 9

4.1. It-tul ta' żmien tal-arrest preventiv 9

4.2. Reviżjonijiet regolari tar-raġunijiet għall-arresti preventivi/għal-limiti ta' żmien massimi statutorji 10

5. It-Tfal 11

6. Il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni 12

6.1. Attivitajiet kurrenti relatati mad-detenzjoni fil-livell tal-UE 12

6.2. Il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni min-naħa tal-Istati Membri 12

6.3. Ir-Regoli Penitenzjarji Ewropej 13

7. Konsultazzjoni Pubblika 13

ANNESSI 15

Tabella 1: Popolazzjonital-ħabsijiet fl-Unjoni Ewropea 2009-2010 15

Tabella 2: Attivitajiet kurrenti ta' appoġġ fil-livell tal-UE 18

1. GĦAN

Il-Kummissjoni tixtieq tesplora l-impatt li qed ikollhom il-kwistjonijiet marbuta mad-detenzjoni[1] fuq il-fiduċja reċiproka, u konsegwentement fuq ir-rikonoxximent reċiproku u l-kooperazzjoni ġudizzjarja b'mod ġenerali madwar l-Unjoni Ewropea. Filwaqt li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u l-ġestjoni tal-ħabsijiet jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha interess f'din il-kwistjoni għaliex il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji huwa ta' importanza kbira għaż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Sabiex ir-rikonoxximent reċiproku jkun jista' jaħdem b'mod effettiv għandu jkun hemm bażi komuni ta' fiduċja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji differenti. Jeħtieġ li l-Istati Membri jkollhom għarfien aħjar tas-sistemi ta' ġustizzja kriminali ta' xulxin.

Fir-Riżoluzzjoni dwar Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni ssuspettati fi proċedimenti kriminali[2], il-Kunsill jiddikjara li, *"Iż-żmien li persuna tistà tqatta' f'detenzjoni qabel ma tiġi pproċessata fil-qorti u matul il-proċedimenti tal-qorti jvarja konsiderevolment bejn Stat Membru u ieħor.* Perjodi eċċessivament twal ta' detenzjoni ta' qabel il-proċess huma detrimentali għall-individwu, jistgħu jippreġudikaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri u ma jirrappreżentawx il-valuri li tħaddan l-Unjoni Ewropea."

Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta Green Paper dwar l-arrest preventiv. Dan id-Dokument – li jagħmel parti mill-pakkett dwar id-drittijiet proċedurali – huwa t-tweġiba tal-Kummissjoni għat-talba tal-Kunsill.

Il-Green Paper tkopri r-relazzjoni bejn il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u l-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku bħall-Mandat ta' Arrest Ewropew u kif ukoll l-arrest preventiv, u tiftaħ konsultazzjoni pubblika wiesgħa msejsa fuq għaxar mistoqsijiet stabbiliti fid-Dokument.

Il-Programm ta' Stokkolma[3] jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tirrifletti fuq id-detenzjoni u kwistjonijiet relatati: "Il-Kunsill Ewropew iqis li għandhom isiru sforzi biex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka u biex il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku jsir aktar effiċjenti fil-qasam tad-detenzjoni. *Għandhom jissoktaw l-isforzi għall-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki u l-implimentazzjoni tar-Regoli Penitenzjarji Ewropej li ġew approvati mill-Kunsill tal-Ewropa, għandha tiġi appoġġjata. Jistgħu jiġu indirizzati wkoll kwistjonijiet bħall-alternattivi għall-priġunerija, il-proġetti pilota dwar id-detenzjoni u l-aħjar prattiki għall-ġestjoni tal-ħabsijiet. Il-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna tirrifletti aktar dwar din il-kwistjoni fil-limitu tal-possibbiltajiet offruti mit-Trattat ta' Lisbona."*

Il-Parlament Ewropew ilu għal diversi snin iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu azzjoni dwar diversi kwistjonijiet fil-qasam tad-detenzjoni. Fir-Riżoluzzjoni dwar il-Programm ta' Stokkolma[4], il-Parlament Ewropew sejjaħ sabiex il-kostruzzjoni ta' żona ta' ġustizzja kriminali fl-UE tiġi żviluppata permezz ta', fost l-oħrajn, standards minimi għall-kundizzjonijiet ta' priġunerija u ta' detenzjoni u sett komuni ta' drittijiet tal-ħabsin fl-UE.

---

1 It-terminu "detenzjoni" hawnhekk ifisser detenzjoni skont l-Artikolu 5 (1)(a), (b) u (c) tal-KEDB għal wara li jitwettaq reat kriminali u mhux għal finijiet oħrajn (pereżempju d-detenzjoni ta' migranti).

2 Riżoluzzjoni dwar Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni ssuspettati jew ta' dawk akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU C 295, 4.12.2010, p. 1).

3 ĠU C 115, 4.4.2010, p. 1.

4 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni –żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini - il-Programm ta' Stokkolma, P7_TA(2009)0090.

Din it-talba ġiet imtennija fid-Dikjarazzjoni bil-Miktub li għamel il-Parlament Ewropew fi Frar tal-2011 dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali ta' detenuti fl-Unjoni Ewropea[5].

2. X'INHUWA L-INTERESS TAL-UE F'DAN IL-QASAM?

Il-kwistjonijiet marbuta mad-detenzjoni, kemm jekk ikunu relatati ma' detenuti arrestati b'mod preventiv jew ma' persuni misjuba ħatja, jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Madanakollu, minkejja l-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Unjoni Ewropea għandha għalfejn tikkunsidra dawn il-kwistjonijiet.

Il-kwistjonijiet marbuta mad-detenzjoni jaqgħu fl-ambitu tal-Unjoni Ewropea minħabba li, l-ewwel u qabel kollox, huma jikkostitwixxu aspett rilevanti tad-drittijiet li għandu jiġi mħares sabiex titħeġġeġ il-fiduċja reċiproka u biex jiġi żgurat il-funzjonament mingħajr intoppi tal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku, u wkoll minħabba li l-Unjoni Ewropea hija fid-dmir li tħares ċerti valuri.

Sabiex tiġi promossa l-fiduċja reċiproka, il-prijorità tal-Kummissjoni fil-qasam tal-ġustizzja kriminali hija li ssaħħaħ id-drittijiet proċedurali permezz ta' regoli minimi għall-persuni ssuspettati jew għal persuni mixlija fil-proċedimenti kriminali. Standard minimu ta' protezzjoni għad-drittijiet individwali mhux biss se jkun ta' benefiċċju għal individwi madwar l-Unjoni, iżda huwa importanti wkoll biex jippromwovi l-fiduċja reċiproka li hija l-kontrobilanċ meħtieġ għal miżuri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja għat-tisħiħ tas-setgħat tal-prosekuturi, tal-qrati u tal-uffiċjali investigattivi.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni fasslet pakkett ta' miżuri dwar id-drittijiet proċedurali ta' persuni ssuspettati u ta' persuni mixlija[6] li se jgħin fil-kisba tal-fiduċja reċiproka meħtieġa bejn il-prattikanti ġudizzjarji, filwaqt li jqis id-differenzi bejn it-tradizzjonijiet u s-sistemi legali tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni diġà enfasizzat li r-rispett għad-drittijiet fundamentali fl-UE huwa ta' importanza kruċjali biex tkun tista' titrawwem il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. In-nuqqas ta' fiduċja fl-effikaċja tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri meta dawn jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni, ifixkel it-tħaddim u t-tisħiħ tal-istrumenti ta' kooperazzjoni fiż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja[7].

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta tal-UE) tistabbilixxi standard li, fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE, l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom jikkonformaw miegħu. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) ddeċidiet li l-kundizzjonijiet inaċċettabli ta' detenzjoni jistgħu jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB). L-Artikolu 4 tal-Karta tal-UE huwa fformulat bl-istess mod bħall-Artikolu 3 tal-KEDB. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet għandhom l-istess ambitu u tifsira. L-Artikolu 19(2) tal-Karta tal-UE jiddikjara wkoll li ħadd

---

5 Id-Dikjarazzjoni bil-Miktub dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali tad-detenuti, mill-MEPs - 06/2011, 14.02.2011.

6 Il-proposti se jkopru d-dritt għall-interpretar u għat-traduzzjoni fil-proċedimenti kriminali (id-Direttiva 2010/64/UE adottata f'Ottubru tal-2010), id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali, l-aċċess għal avukat, id-dritt għall-komunikazzjoni waqt id-detenzjoni, il-protezzjoni ta' persuni ssuspettati u ta' dawk akkużati li huma vulnerabbli u l-aċċess għall-għajnuna legali.

7 "'Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea" - COM(2010) 573.

ma jista' jintbagħat lejn Stat fejn ikun hemm riskju serju li l-persuna kkonċernata tkun suġġetta b'mod partikolari għal trattament inuman jew degradanti.

Minkejja l-fatt li l-liġi u l-proċeduri kriminali tal-Istati Membri kollha huma suġġetti għall-istandards tal-KEDB, u għandhom ikunu konformi mal-Karta tal-UE fl-applikazzjoni tal-liġi tal-UE, għad hemm dubji dwar il-mod kif dawn l-istandards qegħdin jitħarsu madwar l-UE.

3. IR-RELAZZJONI BEJN L-STRUMENTI TA' RIKONOXXIMENT REĊIPROKU U D-DETENZJONI

Il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jistgħu jħallu impatt dirett fuq il-funzjonament mingħajr intoppi tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Id-detenuti arrestati b'mod preventiv u l-ħabsin misjuba ħatja huma intitolati għal kundizzjonijiet ta' detenzjoni bi standards raġonevoli. Ċirkostanzi ta' iffullar fil-ħabsijiet u ta' allegazzjonijiet dwar trattament ħażin ta' detenuti jistgħu jimminaw il-fiduċja li hija meħtieġa għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Unjoni Ewropea.

Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku jserraħ fuq l-idea ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Id-deċiżjonijiet ġudizzjarji għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala ekwivalenti u għandhom jiġu eżegwiti madwar l-Unjoni indipendentement mill-post fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni. Dan huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li s-sistemi ta' ġustizzja kriminali fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li mhumiex l-istess, tal-anqas huma ekwivalenti għal xulxin. Normalment id-deċiżjonijiet ġudizzjarji jiġu eżegwiti minn imħallfin fl-Istat ta' eżekuzzjoni. Dawn l-imħallfin għandhom ikunu sodisfatti li d-deċiżjoni inizjali tkun waħda ġusta (jiġifieri li meta tkun ittieħdet id-deċiżjoni, din ma tkun kisret l-ebda dritt tal-persuna kkonċernata) u li d-drittijiet tal-persuna jiġu rrispettati bis-sħiħ meta dawn jintbagħtu fi Stat Membru ieħor.

Mingħajr il-fiduċja reċiproka fil-qasam tad-detenzjoni, dawk l-istrumenti tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rikonoxximent reċiproku li jolqtu d-detenzjoni mhumiex ser ikunu jistgħu jiffunzjonaw sew, għaliex jista' jkun li Stat Membru partikolari jżomm lura milli jirrikonoxxi u jinforza d-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor. Jekk ma jsirux aktar sforzi biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u biex issir il-promozzjoni ta' alternattivi għall-kustodja, jista' jkun diffiċili li l-Istati Membri jiżviluppaw kooperazzjoni ġudizzjarja aktar mill-qrib bejniethom.

Hemm għadd ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku li potenzjalment jistgħu jintlaqtu mill-kwistjoni tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni: L-istrumenti kkonċernati huma d-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew, it-trasferiment ta' ħabsin, ir-rikonoxximent reċiproku ta' sanzjonijiet alternattivi u ta' perjodi ta' prova (probation) u l-Ordni ta' Superviżjoni Ewropea.

3.1. Il-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE)[8]

Il-E jobbliga lill-Istati Membri jikkonsenjaw persuni mfittxija biex jidhru fi proċess u biex jiskontaw piena b'segwitu għal kundanna u għaldaqstant huwa rilevanti kemm għall-arrest preventiv u kif ukoll għad-detenzjoni ta' wara l-proċess.

---

[8] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1).

Filwaqt li l-MAE wera kemm huwa strument utli biex jiżgura li l-kriminali ma jkunux jistgħu jaqsmu l-fruntieri u jaħarbu l-ġustizzja, partikolarment fir-rigward ta' reati kriminali serji u fir-rigward tal-kriminalità organizzata b'dimensjoni transkonfinali, l-implimentazzjoni tiegħu, inkluż il-prinċipju ewlieni tar-rikonoxximent reċiproku li jinsab fil-bażi tiegħu, għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali. L-Artikolu 1(3) tal-MAE jistipula li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali, fosthom l-Artikolu 4 tal-Karta tal-UE u l-Artikolu 3 tal-KEDB u ma jobbligax lill-awtoritajiet ġudizzjarji jikkonsenjaw persuna jekk jaraw, wara li jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, li din il-konsenja tkun twassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna minħabba kundizzjonijiet ta' detenzjoni inaċċettabli.

Madanakollu, it-trattament tad-detenuti suġġetti għal MAE għandu jilħaq livell minimu ta' severità li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Karta tal-UE u tal-Artikolu 3 tal-KEDB. Dan tal-aħħar ġie invokat ftit ta' żmien ilu fi proċediment ta' MAE fejn il-konsenja ġiet ikkontestata abbażi tal-fatt li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat emittenti allegatament ma kinux xierqa (ara l-kaxxa ta' hawn taħt).

Eżempju: F'sentenza reċenti tat-23 ta' Lulju 2010, il-Ministru tal-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u r-Riforma tal-Liġi vs. Robert Rettinger, permezz ta' appell l-Irish Supreme Court bidlet id-deċiżjoni tal-Irish High Court dwar il-konsenja ta' persuna ssuspettata suġġetta għal Mandat ta' Arrest Ewropew lil Stat emittenti. Is-Supreme Court irreferiet il-kwistjoni biex terġa' tiġi analizzata mill-High Court b'kunsiderazzjoni tal-materjal kollu li tressaq quddiemha f'eżami rigoruż u biex tistabbilixxi jekk kienx hemm riskju reali li l-persuna kkonsenjata tkun suġġetta għal trattament li jmur kontra l-Artikolu 3 tal-KEDB. Fid-deċiżjoni tagħha l-Irish Supreme Court irreferiet għal għadd ta' kawżi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fejn il-QEDB ikkonkludiet li l-kwerelanti nżammu f'kundizzjonijiet ta' detenzjoni inumani u degradanti.

Għaldaqstant, f'dan il-każ il-konsenja ġiet ikkontestata abbażi ta' kwistjonijiet relatati mad-detenzjoni, għaliex il-kundizzjonijiet fl-Istat emittenti tqiesu li ma kinux f'konformità mal-istandards tal-Karta tal-UE u tal-KEDB. .

Dawn il-problemi jinqalgħu kemm fl-istadju ta' qabel il-proċess u kif ukoll f'dak ta' wara[9]. Jista' jkun li awtorità ġudizzjarja ssib li tali argument dwar id-detenzjoni huwa konvinċenti f'xi każ partikolari u tirrifjuta l-konsenja. Anke jekk ir-riżultat aħħari ma jkunx ir-rifjut, il-"livell għoli ta' fiduċja bejn l-Istati Membri" (msemmi bħala l-bażi tas-sistema tal-MAE fil-premessa 10 tad-Deċiżjoni Qafas) jiddgħajjef meta l-awtoritajiet ġudizzjarji ripetutament ikollhom ipoġġu din il-fiduċja fil-kuntest ta' nuqqasijiet rikonoxxuti relatati mad-detenzjoni.

Meta jitqies id-dritt għal proċess immedjat li jinsab imnaqqax fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB, fejn il-perjodi tal-arrest preventiv ikunu twal wisq, dawk l-Istati Membri li jeżegwixxu l-MAE jistgħu joġġezzjonaw għall-użu ta' strument imfassal għall-konsenja rapida ta' persuni li jkunu qed jiffaċċjaw proċess jekk ikun hemm riskju li dawn iqattgħu xhur sħaħ jistennew proċess f'ħabs barrani meta jkunu setgħu jibqgħu fl-ambjent nazzjonali tagħhom sakemm l-awtoritajiet fl-Istat emittenti jkunu lesti għall-proċess.

3.2. It-Trasferiment ta' Ħabsin

Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008[10] dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi fi kwistjonijiet kriminali li

[9] Ara r-rapport mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-MAE - COM(2011) 175, 11.4.2011.

[10] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 (ĠU L 327, 5.12.2008, p. 27).

jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà għandha tiġi implimentata sal-5 ta' Diċembru tal-2011. Din tistabbilixxi sistema għat-trasferiment ta' ħabsin li ngħataw kundanna lejn dak l-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu jew li normalment jirrisjedu fih (jew lejn Stat Membru li għandhom rabtiet mill-qrib miegħu). L-Artikolu 3(4) jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali. Dan għandu jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuni kkundannati billi jiġi żgurat li jiskontaw is-sentenza tagħhom f'pajjiżhom.

Eżempju: Pietru huwa ċittadin ta' Stat Membru A. Huwa ġie kkundannat għal reat fi Stat Membru B fejn normalment jgħix u ngħata sentenza ta' sentejn ħabs. L-awtoritajiet ta' Stat Membru B jistgħu jirritornawh lejn Stat Membru A biex jiskonta s-sentenza hemmhekk mingħajr ma jitolbu l-kunsens.

Kundizzjonijiet ta' detenzjoni li jitqiesu bħala ħżiena, jew kundizzjonijiet li jkunu fir-riskju li ma jissodisfawx l-istandards minimi li jinsabu fir-Regoli Penitenzjarji Ewropej tal-Kunsill tal-Ewropa, jistgħu jkunu ta' xkiel għat-trasferiment ta' ħabsin. Dawk il-persuni kkundannati li ma jkunux jixtiequ jiġu ttrasferiti jistgħu jargumentaw li t-trasferiment jista' jpoġġihom fir-riskju ta' trattament inuman jew degradanti.

Id-Deċiżjoni Qafas tneħħi r-rekwiżit li l-persuna kkundannata għandha tagħti l-kunsens għat-trasferiment tagħha. Dan ifisser li għandha tingħata aktar attenzjoni għal kull ksur possibbli tad-drittijiet fundamentali wara li jsir it-trasferiment. L-aċċess aktar miftuħ għall-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet u dwar is-sistemi ta' ġustizzja kriminali fi Stati oħrajn ser iwassal sabiex l-Istati emittenti jikkunsidraw il-fatturi rilevanti kollha qabel ma jingħata bidu għat-trasferiment.

Hemm ir-riskju li t-trasferimenti jistgħu jintużaw biex jittaffa l-iffullar fi Stat Membru partikolari, u dan jista' jirriżulta fl-iffullar ta' Stat Membru ieħor. Din is-sitwazzjoni tista' tkun problematika partikolarment meta Stat Membru jkollu proporzjon għoli ta' ħabsin li huma ċittadini ta' Stat Membru ieħor, li jista' jkun ukoll il-ġar tiegħu.

Id-diversità bejn il-liġijiet dwar l-infurzar ta' sentenzi ta' kustodja tal-Istati Membri tista' toħloq problemi potenzjali li jfixklu l-funzjonament tajjeb tad-Deċiżjoni Qafas. Jekk persuna tiġi kkundannata fi Stat Membru partikolari għal perjodu ta' priġunerija li jkun se jiġi skontat fi Stat Membru ieħor, il-persuna għandha tkun taf kemm verament tkun se tqatta' żmien il-ħabs. L-Istati Membri għandhom regoli differenti dwar il-liberazzjoni kundizzjonali jew il-liberazzjoni bikrija[11], u dan jista' jwassal għal ostakli fit-trasferimenti jekk il-persuna kkonċernata tkun se tispiċċa tiskonta sentenza itwal fl-Istat Membru fejn tkun se tiġi ttrasferita milli kieku tiskontaha fl-Istat Membru fejn tkun ġiet ikkundannata. Hemm riskju li l-Istat ta' eżekuzzjoni (tal-amministrazzjoni) ikollu sistema inqas ġeneruża fir-rigward tal-liberazzjoni bikrija minn dik tal-Istat emittenti (tas-sentenza). Il-QEDB ddikjarat[12] li, fejn dan

[11] Xi Stati Membri għandhom dispożizzjonijiet għal-liberazzjoni bikrija awtomatika tal-ħabsin, uħud għandhom mekkaniżmi diskrezzjonali u oħrajn għandhom taħlita ta' dispożizzjonijiet diskrezzjonali u awtomatiċi. Jeżistu differenzi wkoll fl-arranġamenti għall-monitoraġġ ta' awturi ta' ksur li jinħelsu mill-ħabs b'mod bikri u l-kapaċità (jew in-nuqqas tagħha) tal-ħabsin li jiksbu maħfra b'riżultat ta' ħidma li jkunu wettqu matul l-iskontar tas-sentenza. Jeżistu differenzi oħrajn bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-mof kif jisservew is-sentenzi ta' kustodja. Xi Stati jipprevedu li l-ħabsin iservu sentenza ta' kustodja matul tmiem il-ġimgħa jew filgħaxijiet, filwaqt li oħrajn jipprevedu detenzjoni matul il-jum. F'kuntrast ma' dan, dawn it-tipi ta' eżekuzzjonijiet ta' sentenzi mhumiex disponibbli f'għadd ta' Stati Membri li minflok, irrikorrew għall-użu tal-priġunerija f'sens aktar "tradizzjonali".

[12] Id-deċiżjoni finali dwar l-ammissibbiltà tal-applikazzjoni nru. 28578/03 minn *Szabó vs. l-Isvezja*, 27 ta' Ġunju 2006.

ikun il-każ, hija ma "teskludix il-possibbiltà li terminu ta' priġunerija li jkun *de facto* u wisq itwal fl-Istat tal-amministrazzjoni (ta' eżekuzzjoni) jista' jqajjem kwistjoni skont l-Artikolu 5 tal-KEDB (id-dritt għal-libertà u s-sigurtà), u għaldaqstant f'dan il-każ tidħol ir-responsabbiltà tal-Istat minn fejn tingħata s-sentenza (emittenti) skont dak l-Artikolu"[13].

3.3. Il-Perjodu ta' Prova u Sanzjonijiet Alternattivi

Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008[14] dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation u ta' sanzjonijiet alternattivi għandha tiġi implimentata sas-6 ta' Diċembru tal-2011.

Id-Deċiżjoni Qafas tirrigwarda l-istadju ta' wara l-proċess. Hija tapplika l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għal ħafna mill-alternattivi għall-kustodja u mill-miżuri li jiffaċilitaw il-liberazzjoni bikrija. L-Artikolu 1(4) jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali. Id-deċiżjoni dwar il-perjodu ta' prova jew dwar sanzjonijiet alternattivi oħrajn, għandha tkun eżegwita fi Stat Membru għajr dak minn fejn il-persuna tkun ingħatat is-sentenza, u tkun tista' tiġi eżegwita fi kwalunkwe Stat Membru sakemm il-persuna kkonċernata tkun tat il-kunsens tagħha.

Eżempju: Anna hija ċittadina ta' Stat Membru A iżda tinsab għal vaganza fi Stat Membru B. Hija tinsab ħatja ta' reat fi Stat Membru B u tiġi kkundannata tagħmel servizz komunitarju minflok isservi sentenza ta' kustodja. Hija tista' tirritorna lejn l-Istat Membru fejn tgħix u l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru jkunu obbligati jirrikonoxxu s-sentenza ta' servizz komunitarju u li jissorveljaw li Anna twettqu kif xieraq.

Id-Deċiżjoni Qafas tapplika l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għal ħafna minn dawn l-alternattivi għall-kustodja u l-miżuri li jiffaċilitaw il-liberazzjoni bikrija. L-applikazzjoni korretta tagħha tkun timplika li l-miżuri ta' perjodu ta' prova u l-alternattivi għall-priġunerija jkunu disponibbli fis-sistemi legali kollha madwar l-Unjoni. Sussegwentement dawn il-miżuri jkollhom jiġu promossi fil-livell tal-Unjoni għal applikazzjoni xierqa u effiċjenti tar-regoli mill-Istati Membri.

3.4. L-Ordni ta' Superviżjoni Ġudizzjarja (ESO)

Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI tat-23 ta' Ottubru 2009[15] dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għad-detenzjoni proviżorja għandha tiġi implimentata sal-1 ta' Diċembru tal-2012. L-Artikolu 5 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali.

L-ESO tikkonċerna l-liberazzjoni proviżorja fl-istadju ta' qabel il-proċess. Din se tippermetti li miżura ta' superviżjoni mhux ta' kustodja tiġi ttrasferita mill-Istat Membru fejn il-persuna li ma tkunx residenti hemm tiġi ssuspettata li tkun ikkommettiet reat, lejn Stat Membru ieħor fejn il-persuna tirresjedi normalment. B'dan il-mod, persuna ssuspettata tkun tista' tiġi suġġetta għal miżura ta' superviżjoni fl-Istat Membru tagħha sakemm jibda l-proċess fl-Istat Membru barrani, u b'hekk jiġi pprovdut mezz biex fil-futur jitnaqqas l-għadd ta' arresti

---

13 Ara Dirk van Zyl Smit u Sonja Snacken, "Principles of European Prison Law and Policy". Penology and Human Rights, OUP, 2009, Kapitolu 8, Release.

14 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 102).

15 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI tat-23 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 294, 11.11.2009 p. 20).

preventivi fil-konfront ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea li ma jkunux residenti fl-Istat fejn jitwettaq ir-reat.

Eżempju: Hans, li huwa resident ta' Stat Membru A jiġi arrestat u mixli b'reat fi Stat Membru B. Il-proċess tiegħu mhuwiex se jinbeda qabel 6 xhur oħra. Li kieku kien resident ta' Stat Membru A, l-imħallef ikollu t-tendenza li jilliberah fuq garanzija personali, bil-kundizzjoni li jirrapporta f'għassa tal-pulizija. Iżda l-imħallef se jsibha bi tqila li jagħmel hekk għaliex Hans jgħix fi Stat Membru ieħor u se jirritorna hemmhekk sakemm jinbeda l-proċess. L-imħallef jibża' li Hans ma jirritornax u li saħansitra jista' jaħrab. Skont l-ESO, l-imħallef jista' jippermetti lil Hans jirritorna lura lejn pajjiżu u jimponilu l-kundizzjoni li jirrapporta, u jista' jitlob lill-awtoritajiet tal-Istat Membru A sabiex dawn jiżguraw li Hans tassew jirrapporta fl-għassa tal-pulizija f'konformità mal-ordni tal-qorti tal-Istat Membru B.

L-ESO tipprovdi għal diversi tipi alternattivi ta' superviżjoni li jkunu jistgħu jiġu applikati minflok l-arrest preventiv, bħall-obbligu li persuna tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' eżekuzzjoni bi kwalukwe bidla ta' residenza bl-iskop li din tkun tista' tirċievi t-taħrika biex tattendi għal smigħ jew għal proċess matul il-proċedimenti kriminali; l-obbligu li persuna ma tidħolx f'ċerti lokalitajiet fl-Istat emittenti jew fl-Istat ta' eżekuzzjoni; l-obbligu li persuna tibqa' f'post speċifiku, matul ħinijiet speċifiċi; limitazzjoni fuq it-tluq mit-territorju tal-Istat ta' eżekuzzjoni; l-obbligu li persuna tirrapporta f'ħinijiet speċifiċi lil awtorità speċifika, l-obbligu li tiddepożita ċertu somma ta' flus jew li tagħti tip ieħor ta' garanzija jew l-obbligu li tibda trattament għal vizzju.

L-ESO hija sistema diskrezzjonali għall-Istat Membru emittenti, u b'hekk huwa diffiċili li jitbassar il-mod kif il-qrati nazzjonali se japplikawha u kif din se tiffunzjona flimkien mal-MAE. Iqumu wkoll il-kwistjonijiet dwar kemm-il darba se tintuża l-ESO.

Il-fiduċja reċiproka hija ta' importanza ċentrali biex it-tħaddim tal-ESO jkun ta' suċċess. Madanakollu, hemm ir-riskju li dan l-istrument mhuwiex se jintuża b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha, iżda li jintuża biss bejn dawk il-pajjiżi fejn diġà hemm fiduċja reċiproka.

Jista' jiġi mħeġġeġ l-użu ta' miżuri alternattivi minflok l-arrest preventiv. Bl-applikazzjoni tal-ESO, l-użu ta' miżuri alternattivi bħal, pereżempju, is-sorveljanza permezz ta' apparat elettroniku, għandu jiġi promoss sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-regoli tal-ESO kif xieraq u b'mod effettiv filwaqt li jitnaqqas l-użu tal-arrest preventiv.

3.5. L-Implimentazzjoni

Il-kwistjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni huma tali li jippermettu li l-fiduċja reċiproka trabbi l-għeruq sabiex ma jkunx hemm xkiel fl-applikazzjoni ta' strumenti ta' rikonoxximent reċiproku madwar l-Unjoni, għandha tiġi indirizzata qabel ma sseħħ it-traspożizzjoni tad-Deċiżjonijiet Qafas (fl-2011 u fl-2012 rispettivament).

Huwa importanti li l-Istati Membri jittrasponuhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom minnufih u li japplikawhom b'mod korrett. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tgħin u li tiggwida lill-Istati Membri dwar il-prattiki tajba u, mill-2010, se tkompli bil-werkxops reġjonali dwar l-implimentazzjoni, minħabba li dawn ġew meqjusa bħala aspett importanti mill-proċess tal-implimentazzjoni.

MISTOQSIJIET DWAR L-ISTRUMENTI TA' RIKONOXXIMENT REĊIPROKU

1) *Qabel il-proċess:* Liema huma l-alternattivi li ma jinvolvux kustodja li huma disponibbli minflok l-arrest preventiv? Dawn jiffunzjonaw? L-alternattivi għall-arrest preventiv jistgħu jiġu promossi fil-livell tal-Unjoni Ewropea? Jekk iva, kif?

2) *Wara l-proċess:* Liema huma l-aktar miżuri alternattivi importanti li jistgħu jintużaw flok il-kustodja (bħal servizz fil-komunità jew perjodu ta' prova) fis-sistema legali tiegħek? Dawn jiffunzjonaw? Il-perjodu ta' prova u l-miżuri alternattivi l-oħra minflok id-detenzjoni jistgħu jiġu promossi fil-livell tal-Unjoni Ewropea? Jekk iva, kif?

3) B'liema mod taħseb li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jistgħu jħallu effett fuq il-funzjonament tajjeb tal-MAE? U x'taħseb fir-rigward tal-operat tad-Deċiżjoni Qafas dwar it-Trasferiment tal-Ħabsin?

4. IL-KWISTJONI TAL-ARREST PREVENTIV

Id-detenzjoni tista' tiġi ordnata biss meta din tkun konformi mad-dmir li wieħed jirrispetta d-dritt tal-libertà (l-Artikolu 5(1) tal-KEDB) li huwa marbut mill-qrib mal-preżunzjoni ta' innoċenza[16]. Fil-Karta tal-UE, l-Artikolu 48(1), jipprevedi li "[k]ull imputat għandu jkun preżunt innoċenti sakemm jinstab ħati skont il-liġi". L-Artikolu 6(2) tal-KEDB u tal-ICCPR[17] għandu wkoll dispożizzjonijiet dwar il-preżunzjoni ta' innoċenza[18]. L-arrest preventiv fil-kuntest ta' din il-Green Paper ikopri l-perjodu sakemm is-sentenza tkun waħda finali[19]. L-arrest preventiv huwa miżura ta' natura eċċezzjonali fis-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri kollha. Din il-miżura għandha tiġi applikata biss fejn jitqies li l-miżuri l-oħrajn kollha ma jkunux suffiċjenti. F'xi sistemi Ewropej, l-arrest preventiv huwa stabbilit saħansitra permezz ta' norma kostituzzjonali li tixhed preferenza għal-libertà, f'konformità mal-preżunzjoni ta' innoċenza. Dan jillimita ċ-ċirkostanzi ta' meta jiġi awtorizzat l-arrest preventiv u jistabbilixxi kriterji u proċeduri speċifiċi għall-użu tiegħu. Pereżempju, għandu japplika biss wara li l-qorti tiddeċiedi li jeżisti r-riskju sostanzjali li l-konvenuti jaħarbu, u dan ikun jikkostitwixxi theddida għas-sikurezza tal-komunità, tal-vittmi jew tax-xhieda, jew ir-riskju li l-investigazzjonijiet jiġu mfixkla. Madanakollu, l-istatus tal-konvenuti f'detenzjoni għandu jiġi segwit fil-każi kollha filwaqt li l-eliġibbiltà tagħhom għal-liberazzjoni għandha tiġi riveduta matul il-perjodu ta' meta tinqata' s-sentenza. Il-każi ta' konvenuti f'detenzjoni għandhom jingħataw prijorità fid-deċiżjoni ta' meta jkun ser isir il-proċess. Il-prinċipju tal-proporzjonalità fi kwistjonijiet kriminali jirrekjedi li l-miżuri ta' impożizzjoni, bħall-arrest preventiv jew alternattivi għal tali detenzjoni, jintużaw biss fejn ikun assolutament neċessarju u għal tul ta' żmien mhux itwal milli meħtieġ. Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali li jiżguraw li, fi kwalunkwe każ, l-arrest preventiv ta' persuna mixlija ma jaqbiżx perjodu ta' żmien raġonevoli u li jkun konformi mal-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza u mad-dritt għal-libertà filwaqt li jissodisfa l-ħtiġiet tal-investigazzjoni ta' reati kriminali.

4.1. It-tul ta' żmien tal-arrest preventiv

It-tul ta' żmien li persuna tinżamm taħt arrest preventiv ivarja ħafna bejn Stat Membru u ieħor. Il-każistika tal-QEDB tistabbilixxi li l-arrest preventiv għandu jitqies bħala miżura eċċezzjonali u li għandu jsir l-akbar użu possibbli ta' miżuri ta' superviżjoni li ma jinvolvux il-kustodja. Madanakollu, fil-prattika, ħafna drabi persuni li ma jkunux ċittadini ta' Stat ikunu fi żvantaġġ meta jiġu biex jinħelsu fuq garanzija personali għaliex ir-riskju li jaħarbu jitqies li huwa akbar minn dak ta' konvenuti nazzjonali. Ir-riżultat huwa li konvenuti oħrajn ta' spiss

---

16 Ara l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-preżunzjoni ta' innoċenza - COM(2006) 174, 26.4.2006.

17 Il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR).

18 L-Artikolu 48(1) tal-Karta, l-Artikolu 14(2) tal-ICCPR.

19 Bl-istess mod, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, il-kunċett ta' "arrest preventiv" fil-Green Paper jintuża f'sens "wiesa'" u jinkludi l-ħabsin kollha li ma jkunux għadhom ingħataw sentenza.

jiġu mċaħħda mil-liberazzjoni, u konsegwentement jiġu mċaħħda mid-dritt tagħhom għal-libertà, sempliċement għaliex ikunu inqas marbuta mal-ġuriżdizzjoni.

Xi pajjiżi ma għandhom l-ebda tul ta' żmien massimu legali għall-arrest preventiv. F'xi wħud, persuna tista' tinżamm taħt arrest preventiv sa 4 snin[20]. Perjodi twal wisq ta' arrest preventiv huma ta' detriment għall-individwu, u xejriet ta' arresti preventivi twal wisq fi Stat Membru partikolari jistgħu jkunu ta' ħsara għall-fiduċja reċiproka.

L-awtorità ġudizzjarja għandha tapplika l-miżura ta' impożizzjoni l-anqas ħarxa kif xieraq, jiġifieri, li tintgħażel miżura alternattiva minflok l-arrest preventiv, jekk din tkun biżżejjed biex telimina r-riskji li persuna taħrab jew li twettaq reati oħrajn. Dawn l-awtoritajiet jistgħu joħorġu MAE sabiex jiżguraw ir-ritorn ta' persuna msejħa għal proċess u li tkun ġiet illiberata u li tkun tħalliet tirritorna lura lejn l-Istat tagħha minflok ma tkun ġiet arrestata b'mod preventiv. Din il-possibbiltà tippermetti lill-imħallfin jagħmlu użu aktar ibbilanċjat mill-arrest preventiv biex jilliberaw persuna mixlija li tkun ikkommettiet xi reat u li ma tkunx residenti permanenti fil-ġuriżdizzjoni tagħhom u għaldaqstant jitnaqqsu l-perjodi tal-arresti preventivi.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 47 tal-Karta tal-UE u l-KEDB[21] jipprevedu li kulħadd għandu jkun intitolat għal proċess fi żmien raġonevoli jew għal għoti tal-liberazzjoni kkundizzjonata, u li l-liberazzjoni tingħata bil-kundizzjoni li l-konvenut jidher fil-proċess.

4.2. Reviżjonijiet regolari tar-raġunijiet għall-arresti preventivi/għal-limiti ta' żmien massimi statutorji

Hawnhekk wieħed irid jistaqsi dwar jekk standards minimi fir-rigward ta' dispożizzjonijiet dwar ir-reviżjoni tar-raġunijiet għall-arrest preventiv u/jew għall-limiti ta' żmien massimi statutorji għall-arrest preventiv isaħħux il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri jew le.

Id-dritt għal proċess immedjat u għal-liberazzjoni ta' qabel il-proċess (sakemm ma jkunx hemm raġunijiet dominanti biex individwu jinżamm f'kustodja qabel il-proċess) huwa dritt importanti. F'xi Stati Membri, l-arrest preventiv huwa rregolat bi limiti ta' żmien massimi statutorji. L-Artikolu 5 tal-KEDB jinkludi rekwiżit għal reviżjoni ġudizzjarja tal-arrest preventiv, u dan għandu jiġi interpretat bħala obbligu rikorrenti għall-awtoritajiet responsabbli mill-investigazzjoni u mill-prosekuzzjoni sabiex jiġġustifikaw b'mod regolari l-estensjoni tal-arrest preventiv tal-mixli.

Ir-Rakkomandazzjoni 2006-13[22] tal-Kunsill tal-Ewropa dwar iż-żamma taħt arrest tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għaż-żamma taħt arrest u s-salvagwardji kontra l-abbuż. Din tirrakkomanda miżuri ta' reviżjoni perjodika minn xi awtorità ġudizzjarja, tar-raġunijiet li jiġġustifikaw iż-żamma ta' persuna taħt arrest.

Il-Kummissjoni tixtieq tivvaluta jekk regoli legalment vinkolanti, pereżempju r-regoli minimi tal-UE dwar ir-reviżjoni regolari tar-raġunijiet għal detenzjoni, ikunux itejbu l-fiduċja reċiproka jew le.

---

20 Ara l-Istudju dwar "Pre-trial detention in the European Union, *An Analysis of Minimum Standards in Pre-trial Detention and the Grounds for Regular Review in the Member States of the EU"* li sar fl-Universitajiet ta' Tilburg, fl-Olanda, u ta' Greifswald, fil-Ġermanja.

21 L-Artikolu 5(3) tal-KEDB.

22 Adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-27 ta' Settembru tal-2006.

MISTOQSIJIET DWAR L-ARREST PREVENTIV

4) Jeżisti l-obbligu li persuna mixlija tinħeles sakemm ma jkunx hemm raġunijiet dominanti għaliex din għandha tinżamm f'kustodja. Dan il-prinċipju kif inhu applikat fis-sistema legali tiegħek?

5) Prattiki differenti fi Stati Membri differenti fir-rigward ta' regoli dwar (a) il-limiti ta' żmien massimi statutorji għall-arrest preventiv u (b) ir-regolarità tar-reviżjoni tal-arrest preventiv, jistgħu jkunu ta' tfixkil għall-fiduċja reċiproka. X'inhi l-fehma tiegħek? X'inhu l-aħjar mod li bih jitnaqqas l-użu tal-arrest preventiv?

6) Il-qrati jistgħu joħorġu MAE sabiex jiżguraw ir-ritorn ta' persuna msejħa għal proċess u li tkun ġiet illiberata u li tkun tħalliet tirritorna lura lejn l-Istat tagħha minflok ma tkun ġiet arrestata b'mod preventiv. Din il-possibbiltà diġà qiegħda tintuża mill-imħallfin, u jekk iva, kif qed jużawha?

7) Jagħmel sens li jsir użu mir-regoli minimi tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-limiti ta' żmien massimi għall-arrest preventiv u li ssir reviżjoni regolari ta' tali detenzjoni sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka? Jekk iva, dan kif jista' jinkiseb aħjar? Hemm xi miżuri oħra li permezz tagħhom ikun jista' jitnaqqas l-użu tal-arrest preventiv?

5. IT-TFAL

It-tfal jinsabu f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli f'dak li jikkonċerna l-arrest preventiv. It-tiċħid tal-libertà jħalli konsegwenzi negattivi ħafna fuq l-iżvilupp armonizzat tat-tfal u jfixkel b'mod serju r-riintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà. Studju riċenti[23] żvela differenzi dwar il-mod kif jiġu ttrattati t-tfal f'sistemi legali differenti. Fl-UE, l-età minima tar-responsabbiltà kriminali tvarja minn 8 snin fl-Iskozja għal 16-il sena fil-Portugall. Ġeneralment, l-Istati Membri jkollhom regolamenti speċjali għaż-żgħażagħ.

Ittieħdu għadd ta' miżuri fil-livell internazzjonali bil-għan li jiġu protetti d-drittijiet tat-tfal fi proċedimenti kriminali, fosthom fir-rigward tad-detenzjoni. L-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal jipprevedi li l-arrest u d-detenzjoni tat-tfal għandhom jintużaw biss bħala l-aħħar miżura u għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli. It-tfal għandhom jiġu ttrattati b'mod li jikkunsidra l-ħtiġiet ta' persuni tal-età tagħhom, fosthom li jinżammu separati mill-adulti u li jingħataw id-dritt li jżommu kuntatt mal-familji tagħhom. It-tfal li jiġu miċħuda mil-libertà tagħhom għandu jkollhom id-dritt għal aċċess immedjat għall-assistenza legali u għal għajnuna oħra skont kif xieraq, u kif ukoll id-dritt li jisfidaw il-legalità tat-tiċħid tal-libertà tagħhom quddiem qorti jew xi awtorità kompetenti oħra.

MISTOQSIJA DWAR IT-TFAL

8) Jistgħu jiġu żviluppati xi miżuri alternattivi speċifiċi minflok id-detenzjoni fir-rigward tat-tfal?

---

23 Dokument, Strasburgu s-6 ta' Ġunju 2006, PC-CP (2006) 09, "Youth custody and the balance between education and punishment – an international comparison of developments and prospects".

6. IL-KUNDIZZJONIJIET TA' DETENZJONI

Għadd ta' sentenzi tal-QEDB enfasizzaw in-nuqqasijiet f'xi ħabsijiet fl-UE[24]. Il-Programm ta' Stokkolma jiddikjara li "[..] Għandhom jissoktaw l-isforzi għall-promozzjoni tal-aħjar prattiki u l-implimentazzjoni tar-Regoli Penitenzjarji Ewropej, appoġġjata mill-Kunsill tal-Ewropa, għandha tiġi appoġġjata. Jistgħu jiġu indirizzati wkoll kwistjonijiet bħall-alternattivi għall-priġunerija, il-proġetti pilota dwar id-detenzjoni u l-aħjar prattiki fil-ġestjoni tal-ħabsijiet".

6.1. Attivitajiet kurrenti relatati mad-detenzjoni fil-livell tal-UE

Il-Kummissjoni tappoġġja għadd ta' attivitajiet relatati mal-ħabsijiet permezz ta' programmi finanzjarji differenti[25]. L-attivitajiet ivarjaw minn studji dwar il-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet għal proġetti prattiċi dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-inklużjoni soċjali, u kif ukoll dwar ir-riintegrazzjoni ta' eks awturi ta' ksur.

6.2. Il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni min-naħa tal-Istati Membri

Il-kundizzjonijiet tajba ta' detenzjoni huma indispensabbli għar-riabilitazzjoni ta' awturi ta' ksur. Diversi rapporti dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fil-ħabsijiet tal-UE jiżvelaw li l-istandards ta' uħud minnhom ma jissodisfawx l-istandards internazzjonali, fosthom ir-Regoli Penitenzjarji Ewropej tal-Kunsill tal-Ewropa u r-Regoli Standard Minimi tan-NU dwar it-Trattament tal-Ħabsin[26].

L-istandards penitenzjarji Ewropej huma fil-parti l-kbira tagħhom żviluppati mill-Kunsill tal-Ewropa, fosthom il-QEDB, is-CPT u l-Kumitat tal-Ministri. L-istandards li jinsabu fir-Regoli Penitenzjarji Ewropej, filwaqt li mhumiex vinkolanti, ġew approvati fil-parti l-kbira tagħhom.

Il-Protokoll Fakultattiv tal-2006 mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura (OPCAT), ħoloq sistema ġdida ta' żjajjar regolari f'postijiet ta' detenzjoni għall-prevenzjoni ta' trattament ħażin tad-detenuti. Fil-livell nazzjonali, l-Istati firmatarji tal-OPCAT[27] għandhom jistabbilixxu jew ifasslu Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni (NPMs) biex iwettqu monitoraġġ tal-ħabsijiet.

L-UE u l-Kunsill tal-Ewropa jiffinanzjaw proġett b'mod konġunt għall-promozzjoni tal-ħolqien ta' netwerk attiv ta' Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni fl-Ewropa biex jinkoraġġixxu skambju bejn il-pari u riflessjoni kritika.

Il-Kummissjoni u l-Kunsill tal-Ewropa qed jiddiskutu b'mod regolari l-kwistjoni dwar modi li jistgħu jtejbu l-koordinazzjoni fil-ħidma ta' dawn il-korpi ta' monitoraġġ sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni filwaqt li jitrawmu s-sinerġiji. Il-Mekkaniżmi Nazzjonali ta' Prevenzjoni jikkunsidraw li huwa importanti li huma jiltaqgħu fuq bażi regolari fi ħdan netwerk informali sabiex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta mad-detenzjoni u jiskambjaw l-aħjar prattika f'dan il-qasam. Ikun tajjeb ukoll jekk l-amministraturi ta' ħabsijiet fl-Unjoni Ewropea jiltaqgħu fuq

---

24 Ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi fil-kawżi *Peers vs. il-Greċja* (id-19 ta' April tal-2001), *Salejmanovic vs. l-Italja* (is-16 ta' Lulju tal-2009*), Orchowski vs. il-Polonja* (it-22 ta' Jannar tal-2010).

25 Ara t-Tabella 2.

26 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (2006)2 dwar ir-Regoli Penitenzjarji Ewropej u r-Regoli Standard Minimi tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trattament tal-Ħabsin (1995).

27 L-Istati Membri li ġejjin irratifikaw l-OPCAT mit-2 ta' Frar tal-2011: CY, CZ, DK, EE, FR, DE, LU, MT, NL, PL, RO, SI, ES, SE u UK. L-Istati Membri li ġejjin iffirmaw l-OPCAT: AT, BE, BG, FI, IE, IT u PT.

bażi regolari. Madanakollu, joħroġ biċ-ċar li ma hemmx il-ħtieġa li jinħoloq netwerk ieħor tal-Unjoni Ewropea għall-monitoraġġ tal-ħabsijiet. Fiż-żewġ laqgħat li ġew organizzati biex jitlaqqgħu l-korpi u l-amministraturi nazzjonali ta' monitoraġġ, inħass li l-valur miżjud tal-UE jista' jkun jinsab fil-promozzjoni ta' koordinazzjoni aħjar bejn in-netwerks differenti.

MISTOQSIJA DWAR IL-MONITORAĠĠ TAL-KUNDIZZJONIJIET TA' DETENZJONI

9) Kif jista' jiġi promoss aħjar il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni min-naħa tal-Istati Membri? L-UE kif tista' tinkoraġġixxi lill-amministraturi tal-ħabsijiet biex jidħlu f'netwerk flimkien u jistabbilixxu l-aħjar prattika?

6.3. Ir-Regoli Penitenzjarji Ewropej

Ir-Regoli Penitenzjarji Ewropej, li ġew adottati mill-Kunsill tal-Ewropa f'Jannar tal-2006, huma ta' gwida komprensiva dwar l-amministrazzjoni ta' ħabsijiet u t-trattament ta' ħabsin. Huma għandhom l-għan li jħarsu d-drittijiet fundamentali tal-ħabsin b'mod li huwa konsistenti mal-iskop leġittimu tad-detenzjoni tagħhom u li jipprovdu li dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiffaċilitaw ir-riintegrazzjoni tagħhom wara li joħorġu mill-ħabs.

Ir-Regoli Penitenzjarji Ewropej mhumiex vinkolanti, għalkemm il-QEDB ibbażat il-valutazzjoni ta' lmenti dwar il-kundizzjoniet fil-ħabs fuqhom. Il-każistika tal-QEDB għandha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li jkunu eċċessivament ħżiena f'ċerti każi, iżda ma tistax tikseb konformità uniformi fl-Istati Membri kollha.

Meta jitqiesu l-esperjenza u l-ħidmiet konsiderevoli tiegħu f'dan il-qasam, il-Kunsill tal-Ewropa għandu rwol ewlieni. L-azzjoni tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam fil-ġejjieni jista' jkollha rwol fl-iżgurar ta' standards ekwivalenti fil-ħabsijiet għall-funzjonament tajjeb tal-istrumenti ta' rikonoxximent reċiproku li ġew stabbiliti fit-taqsima 3.

MISTOQSIJA DWAR L-ISTANDARDS TAD-DETENZJONI

10) Kif tista' ssir promozzjoni aħjar tal-ħidma tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Istati Membri hekk kif dawn jagħmlu l-almu tagħhom sabiex idaħħlu fil-prattika standards ta' detenzjoni tajbin?

7. KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

Il-Kummissjoni tittama li din il-Green Paper jkollha udjenza mifruxa u li tistimula l-interess minn diversi bnadi. Id-dokument fih 10 mistoqsijiet, u l-Kummissjoni hija interessata li tirċievi rispons, kummenti u tweġibiet mingħand dawk li jipprattikaw il-liġi, bħal imħallfin, prosekuturi u avukati u prattikanti legali oħrajn, diretturi ta' amministrazzjonijiet ta' ħabsijiet, nies li jaħdmu fis-servizzi soċjali u fil-qasam tal-perjodi ta' prova, f'ċentri u ħabsijiet li jintużaw għall-arrest preventiv, ċrieki akkademiċi, l-NGOs rilevanti u korpi governattivi.

It-tweġibiet għandhom jintbagħtu sat-30 ta' Novembru tal-2011, lil:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja
Unità B1 – Liġi Kriminali Proċedurali
MO59 03/068
B - 1049 Brussell
Il-Belġju
jew bil-posta elettronika lil:

JUST-CRIMINAL-JUSTICE@ec.europa.eu

Stqarrija ta' privatezza

L-iskop u l-ambitu tal-ipproċessar tad-dejta personali:

Il-Kummissjoni se tirreġistra u tipproċessa b'mod ulterjuri d-dettalji personali tiegħek sa fejn ikun meħtieġ għas-segwitu tal-kontribut tiegħek għall-konsultazzjoni pubblika. Id-dejta tiegħek se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta. Id-dejta tiegħek tiġi rreġistrata u maħżuna sakemm ikun meħtieġ li jittieħdu azzjonijiet ta' segwitu fil-kuntest tal-kontribut tiegħek. Għal skopijiet ta' trasparenza, il-kontributi, inklużi ismek u l-kariga fl-organizzazzjoni tiegħek, se jiġu kkomunikati lill-pubbliku, b'mod partikolari permezz tal-websajt tal-Kummissjoni: http://[...].

Id-dritt ta' rettifika u l-kontrollur tad-dejta personali:

Jekk ikollok bżonn aktar informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-dejta personali tiegħek jew jekk tkun tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek (pereżempju l-aċċess għal kwalunkwe dejta mhux preċiża jew mhux kompluta jew r-rettifika tagħha) jekk jogħġbok ibgħat fuq dan l-indirizz: JUST-CRIMINAL-JUSTICE@ec.europa.eu

Għandek id-dritt ta' rikors fi kwalunkwe żmien quddiem il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta fuq edps@edps.europa.eu

ANNESSI

TABELLA 1: POPOLAZZJONITAL-ĦABSIJIET FL-UNJONI EWROPEA 2009-2010

L-istatistika: Il-popolazzjoni tal-ħabsijiet fl-Unjoni Ewropea
(Sorsi: International Centre for Prison Studies – King's College – l-Università ta' Londra li tinsab disponibbli fuq:

http://www.kcl.ac.uk/depsta/law/research/icps/worldbrief/?search=europe&x=Europe

u l-Eurostat – "statistics in focus" – 58/2010)

L-Istati Membri tal-UE Dejta mill-2009/2010	Total tal-popolazzjoni tal-ħabsijiet (fosthom detenuti ta' qabel il-proċess/ ħabsin rimandati)	Detenuti ta' qabel il-proċess (perċentwal tal-popolazzjoni tal-ħabsijiet)	Il-livelli ta' okkupazzjoni (fuq il-bażi ta' għadd uffiċjali ta' ħabsin li l-ħabs	Rata tal-popolazzjoni tal-ħabsijiet (għal kull 100 000 tal-popolazzjoni nazzjonali)	Ħabsin barranin (perċentwal tal-popolazzjoni tal-ħabsijiet, fosthom persuni mhux ċittadini	Żgħażagħ / minorenni (perċentwal tal-popolazzjoni tal-ħabsijiet)
L-Awstrija	8 671	23,7%	102,9%	103	45,8%	2,6 %
Il-Belġju	10 501	35%	118,9%	97	41,1%	0,3 %
Il-Bulgarija	9 071	10,4%	155,6%	120	1,9%	0,5 %
Ċipru	831	38,4%	150,5%	105	59,6%	0,6 %
Ir-Repubblika Ċeka	22 575	11,3%	111,9%	214	7,3%	0,7 %
Id-Danimarka	3 967	34,9%	96%	71	21,9%	0,5 %

L-Estonja	3 436	21,9%	97,2%	256	39,4%	1 %
Il-Finlandja	3 231	17,1%	98,2%	60	10,3%	0,1 %
Franza	59 655	27,7%	118,1%	96	19,2%	1,1 %
Il-Ġermanja	69 385	15,5%	89,0%	85	26,3%	3,5 % (of pre-trial prisoners
Il-Greċja	11 547	27,4%	129,6%	102	43,9% -	4,4 %
L-Ungerija	15 373	29,3%	127,7%	153	3,8%	3 %
L-Irlanda	4 409	14,9%	103,7%	99	10,8%	2,4 %
L-Italja	68 795	43,6%	153%	113	36,9%	0,5 %
Il-Latvja	7 055	28,3%	70,4%	314	1%	2,1 %
Il-Litwanja	8 655	14%	85,5%	260	1,2%	2,5 %
Il-Lussemburgu	706	47,2%	99,3%	139	69,5%	0,7 %
Malta	583	35,2%	84,5%	140	40,1%	6,1 %
Il-Pajjiżi l-Baxxi	15 604	36,3%	86,4%	94	27,7%	4,7 %
Il-Polonja	82 794	10,3%	97,4%	217	0,7%	0,3 %
Il-Portugall	11 896	19,4%	98,5%	112	20,2%	0,7 %

Ir-Rumanija	**28 481**	**16,5%**	**81,4%**	**133**	**0,7%**	**1,6 %**
Is-Slovakkja	**10 044**	**17,4%**	**94,6%**	**185**	**1,8%**	**0,8 %**
Is-Slovenja	**1 385**	**24,4%**	**124,2%**	**67**	**10,8%**	**2 %**
Spanja	**73 520**	**18,7%**	**136,3%**	**159**	**35,5%**	**0 % (2,1 % under 21)**
L-Isvezja	**7 286**	**24,7%**	**105,4%**	**78**	**28,7%**	**0,1 %**
Ir-Renju Unit [28]						
a) L-Ingilterra u Wales	**85 206**	**14,9%**	**107,2%**	**154**	**12,9%**	**1,9 %**
b) L-Iskozja	**7 781**	**20,2%**	**105,2%**	**149**	**3,4%**	**1,5 %**
c) L-Irlanda ta' Fuq	**1 557**	**36,8%**	**82,7%**	**86**	**8%**	**1 %**
MEDJA TAL-EU		**24,7%**	**107,3%**	**137**	**21,7%**	**1,6%**

[28] Iċ-ċifri għar-Renju Unit huma rrappurtati separatament għall-pajjiżi li ġejjin a) l-Ingilterra u Wales, b) l-Iskozja u c) l-Irlanda ta' Fuq minħabba li jeżistu tliet ġuriżdizzjonijiet separati.

TABELLA 2: ATTIVITAJIET KURRENTI TA' APPOĠĠ FIL-LIVELL TAL-UE

Titolu	Natura tal-attività	Deskrizzjoni
Programm ta' Ġustizzja Kriminali (JPEN)		Il-JPEN jiffinanzja l-proġetti relatati mal-ġustizzja kriminali.
	"Studju dwar id-detenzjoni fl-UE"	L-"Istudju dwar id-detenzjoni fl-UE" qiegħed isir mill-Istitut tar-Riċerka Internazzjonali dwar il-Politika Kriminali, tal-Universitajiet ta' Ghent, fil-Belġju, u ta' Tilburg, fl-Olanda. Dan huwa stħarriġ empiriku madwar l-UE bbażat fuq kwestjonarju dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istati Membri kollha. Dan jeżamina l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet, it-tul tal-perjodi ta' detenzjoni, id-dispożizzjonijiet għal-liberazzjoni bikrija, is-saħħa tal-ħabsin, l-ordni tajba (il-konformità ma' standards internazzjonali) u l-ispezzjoni u l-monitoraġġ, u jinkludi taqsima speċjali dwar iż-żgħażagħ. Għandu jiġi ppubblikat fis-sajf tal-2011.
	"L-arrest preventiv fl-Unjoni Ewropea"	"Pre-trial detention in the European Union, An Analysis of Minimum Standards in Pre-trial Detention and the Grounds for Regular Review in the Member States of the EU" li sar fl-Universitajiet ta' Tilburg, fl-Olanda, u ta' Greifswald, fil-Ġermanja. Dan jinkludi analiżi statistika u kapitoli individwali għal kull Stat Membru tal-UE.
"Pathways for Inclusion"	Il-Konferenza Ewropea dwar l-Edukazzjoni fil-Ħabsijiet	Fi Frar tal-2010, il-Kummissjoni Ewropea organizzat Konferenza Ewropea dwar l-Edukazzjoni fil-Ħabsijiet intitolata "Pathways for Inclusion". Ir-riżultati tagħha kienu essenzjali għat-tiswir ta' moġħdiji għall-iżvilupp ġejjieni ta' moduli ta' edukazzjoni fil-ħabsijiet.
Taġħlim Tul il-Ħajja Programm (LLP) & Il-programm Żgħażagħ fl-Azzjoni programm	Inizjattivi bil-għan tar-riabilitazzjoni ta' awturi ta' reati	L-edukazzjoni u t-taħriġ huma komponent essenzjali fl-istrateġiji ta' riabilitazzjoni effettiva, bħalma huma essenzjali dawk il-miżuri li għandhom l-għan li jimpenjaw liż-żgħażagħ vulnerabbli. L-istrumenti ewlenin tal-UE huma l-Programm ta' Taġħlim Tul il-Ħajja (LLP) u l-programm Żgħażagħ fl-Azzjoni. L-inizjattivi li huma mmirati speċifikament ghar-riabilitazzjoni ta' awturi ta' ksur jinkludu aktar minn 100 ghotja li

		jammontaw għal EUR 12-il miljun.
Il-Fond Soċjali Ewropew	**Jappoġġja r-riintegrazzjoni vokazzjonali u soċjali ta' eks awturi ta' reati.**	**Il-Fond Soċjali Ewropew jappoġġja kemm ir-riintegrazzjoni vokazzjonali u kif ukoll dik soċjali ta' eks awturi ta' reati. Hemm kunsens komuni li l-aktar fattur waħdieni importanti fit-tnaqqis ta' reati ġodda huwa li wara li jiġi lliberat, l-awtur tar-reat jingħata impjieg. Għall-perjodu 2007-2013 ġew allokati madwar EUR 10 biljuni għal azzjonijiet li jippromwovu l-inklużjoni soċjali tal-aktar gruppi żvantaġġjati, li jinkludu ħabsin u eks awturi ta' reati.**
L-Inizjattiva Komunitarja EQUAL eċċ.	**Bil-għan li ssaħħaħ l-impjegabbiltà ta' eks awturi ta' reati**	**L-Inizjattiva Komunitarja EQUAL għandha l-għan li ssaħħaħ l-impjegabbiltà ta' eks awturi ta' reati. Inholoq Netwerk ta' Tagħlim għar-Riintegrazzjoni ta' Eks Awturi ta Reati li jgħaqqad 11-il Stat Membru. Dan huwa ffinanzjat sal-bidu tal-2012. Il-Fondi Strutturali jintużaw f'diversi programmi biex jipprovdu faċilitajiet ta' taħriġ vokazzjonali f'ċentri korrettivi. Dawn huma investimenti tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) f'oqsma bħat-taħriġ professjonali fuq il-post tax-xogħol u huma ssupplimentati minn azzjonijiet tal-Fond Soċjali Ewropew imfassla bil-għan li jikkontribwixxu għar-riintegrazzjoni ta' eks ħabsin fis-soċjetà.**
Il-Proġett Peer-to-Peer II	**Dan għandu l-għan li jnaqqas it-trattament ħażin ta' ħabsin fuq livell nazzjonali fl-Ewropa**	**Il-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Fond Fiduċjarju tad-Drittijiet tal-Bniedem li għadu kemm inħoloq qegħdin jikkofinanzjaw proġett kbir, il-"Proġett Peer-to-Peer II", li jinkludi l-finanzjament tal-Proġett Ewropew tan-NPM. L-għan globali tal-proġett huwa li jitnaqqas it-trattament ħażin tal-ħabsin fuq livell nazzjonali.**